# PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN

**AVVIŻI** **20 TA' AWWISSU 2017**

**Quddiesa u Adorazzjoni fuq is-Simenta**

Illum is-Sibt 19 ta' Awwissu 2017 fit-8:00pm quddiesa fuq is-simenta u wara adorazzjoni sal-10:00pm animata mill-*Comunità Abramo* flimkien mal-Appostli u d-Dixxipli Franġiskani.

**Quddiesa ta' Ringrazzjament għall-Familji mill-*Comunità Abramo* li kienu fostna**

Għada / Illum il-Ħadd 20 ta' Awwissu 2017 fid-9:15am quddiesa ta' Ringrazzjament lil Alla għall-familji mill-*Comunità Abramo* fi tmiem l-esperjenza tagħhom fostna. Kulħadd huwa mistieden.

**Quddies fil-Knisja Parrokkjali**

Nhar ta' Erbgħa matul ix-xahar Awwissu fil-Knisja Parrokkjali ser ikollna quddiesa fit-8:30am u nhar ta' Ġimgħa quddiesa fid-9:00am li ser jattendu għaliha t-tfal ta' Skola Sajf. Inħeġġu lil kulħadd sabiex fil-vaganzi tas-sajf insibu ħin għal Ġesù.

**Saċerdoti tad-Dar tal-Kleru**

Il-Ħamis 24 ta' Awwissu 2017 fis-6:30pm quddiesa u adorazzjoni fil-Knisja Parrokkjali flimkien mas-saċerdoti li jinsabu fid-Dar tal-Kleru. Inħeġġukom sabiex nattendu.

**Ġurnata Kemmuna**

Il-Ġimgħa 25 ta' Awwissu 2017 ser norganizaw ġurnata Kemmuna. Tluq minn quddiem is-Sala Sant'Anna fit-8:30am. Biljetti mis-Sagristija jew mill-Uffiċċju Parrokkjali sa nhar it-Tlieta 22 ta' Awwissu 2017.

**70 Sena mill-wasla tal-istatwa ta' Sant'Anna f'Wied il-Għajn**

L-Erbgħa 6 ta' Settembru 2017, hija l-ġurnata li sebgħin sena ilu waslet l-istatwa ta' Sant'Anna fir-raħal tagħna. Flimkien ejjew infakkru din il-ġurnata għażiża billi nieħdu sehem fil-quddiesa tas-6:30pm u wara Lejla Maltija fuq is-simenta. Biljetti mis-sagristija jew mill-uffiċċju parrokkjali.

**Mill-Kunsill Lokali**

Dawk kollha nteressati li jieħdu t-tilqima tal-influwenza u għandhom minn 55 sena 'l fuq huma mitluba li jgħaddu d-dettalji tagħhom fl-uffiċini tal-Kunsill Lokali sa nhar is-Sibt 9 ta' Settembru 2017.

**Pellegrinaġġ għall-Art Imqaddsa**

Il-parroċċa ser torganizza Pellegrinaġġ għall-art Imqaddsa flimkien mal-parroċċa ta' Ħaż-Żabbar bejn il-31 ta' Jannar 2018 u d-9 ta' Frar 2018. Dettalji tal-programm aktar 'il quddiem.

**Adorazzjoni tal-Ħniena Divina**

It-Tnejn 28 ta' Awwissu 2017 wara l-quddiesa tas-6:30pm jkollna l-Adorazzjoni tal-Ħniena Divina.